

# L-IMĦABBA LEJN KRISTU MSALLAB

Kristu, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna, jinsab fil-qofol tal-liturġija. Ma jistax jonqos li anke tul iż-żmien liturġiku qawwi tar-Randan, Kristu huwa preżenti, attiv u insostitwibbli.

Fil-fatt, l-ispirtu tar-Randan hu l-ispirtu ta' Kristu msallab. Dan hu l-*leitmotif* tal-komponenti kollha tar-Randan: jiġifieri talb, sawn u karita'. Għalhekk, dak kollu li jgħinna biex nifhmu aktar il-passjoni u l-mewt ta' Kristu u li jkabbar l-imħabba tagħna lejh għandu jiġi promoss tul dan iż-żmien. Insemmu xi rakkomandazzjonijiet prattiċi li jistgħu jgħinuna nidħlu aktar fl-ispirtu tar-Randan:

- il-meditazzjoni fuq ir-rakkonti tal-Vanġelu dwar il-passjoni ta' Kristu;
- il-qari ta' kotba spiritwali;
- ir-reċta ta' talb bħal *Ruħ ta' Kristu qaddisni*;
- il-prattika ta' kuljum tal-Via Sagra;
- ikollna xi simbolu tal-passjoni ta' Kristu, bħal xi kurċifiss jew immaġni tal-kurċifiss fejn nistgħu narawha u li tfakkarna fil-passjoni fil-mumenti mudlama tal-ġurnata;
- ikollna xi talba qasira li nirreċtawha, almenu f'qalbna, ftit drabi tul il-jum, bħal ngħidu aħna, "Qalb ta' Ġesu', ubbidjenti sal-mewt, ikollok ħniena minna";
- li kull tant u tant nirreċitaw il-Litanija tad-Demm ta' Kristu;
- li ngħaddu ftit aktar ħin fil-preżenza ta' Ġesu' Ewkaristija nitolbuh nikbru fl-għarfien tal-passjoni tiegħu li tkompli fil-Knisja.

*Dun Edward Xuereb, Kappillan Ghasri (mis-Sussidju għar-Randan 2009)*

**STEDINA**
**VIA SAGRA DJOĊESANA FUQ L-GHOLJA T'GHAMMAR**
**NHAR IL-HADD 5 TA' APRIL FIS-6.30P.M.**

***Mill-Kalendarju Djoċesan:***

| | |
|---|---|
| *Il-Ġimgħa 3 ta' April:* | Tifkira tad-Duluri: Purċissjonijiet fil-parroċċi |
| *Is-Sibt 4 ta' April:* | Katekeżi tar-Randan għaż-Żgħażagħ *(Dar tal-Kurja ħdejn Manresa - 8.30pm - KDŻ)* |
| *Il-Ħadd 5 ta' April:* | Via Sagra Djoċesana *(Gholja t'Għammar - 6.30pm)* |

## It-Talba tal-ġimgħa

*Mulej Ġesu', agħmel li nkun mezz biex persuni oħra, mhux biss jarawk imma wkoll jagħżlu li jimxu warajk anke fit-tbatija.*

gozo press • 21551534

Djoċesi ta' Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

Sena Pawlina 2008 - 2009

Il-5 Ħadd tar-Randan • Sena B • L-40 Sena (2087) • 29 ta' Marzu 2009



# Nixtiequ naraw lil Ġesu'

Fost dawk li telgħu biex iqimu lil Alla fil-festa kien hemm xi Griegi. Dawn marru għand Filippu li kien minn Betsajda tal-Galilija, u talbuh: "Sinjur, nixtiequ naraw lil Ġesù." Filippu mar jgħid lil Indrì, u mbagħad Indrì u Filippu marru jgħidu lil Ġesù. U Ġesù weġibhom: "Waslet is-siegħa li fiha Bin il-bniedem ikun igglorifikat. Tassew tassew ngħidilkom, jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott. Min iħobb lil ħajtu jitlifha; imma min jobgħod lil ħajtu f'din id-dinja jħarisha għall-ħajja ta' dejjem. Jekk xi ħadd irid jaqdini, hu għandu jimxi warajja; u fejn inkun jien, hemm ukoll ikun il-qaddej tiegħi. Min jaqdi lili, il-Missier jagħtih ġieħ. "Issa qiegħed inħoss ruħi mħawwda. U x'naqbad ngħid? Missier, eħlisni minn din is-siegħa? Imma jien għalhekk ġejt: għal din is-siegħa. Missier, agħti glorja lil ismek." Dak il-ħin instama' leħen mis-sema: "Jiena diġà gglorifikajtu, u nerġa' nigglorifikah." In-nies li kienu hemm semgħuh, u qalu li kien qiegħed iriegħed. Oħrajn qalu: "Kellmu xi anġlu." Ġesù wieġeb: "Dan il-leħen ma ġiex għalija, imma għalikom. Il-ġudizzju ta' din id-dinja qiegħed isir issa. Issa se jitkeċċa l-Prinċep ta' din id-dinja. U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja." **(Gw 12, 20-33)**



**RIFLESSJONI**

- Hemm fik xewqa ġenwina li tara lil Ġesu' ?
- Jien nixtieq nara lil Ġesu' b'kurżita' jew għax irrid nimxi fit-triq li jurini?
- Lil dawk li jridu jarawħ, Ġesu' jurina wkoll it-triq tat-tbatija.
- Ma' nistax nintrefa' 'l fuq fil-ħajja spiritwali mingħajr ma' tgħaddi mit-triq tat-tbatija f'għaqda ma' Ġesu'.
- Biex iż-żerriegħa tal-qdusija tagħti l-frott, jeħtieġ li tmut.